MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2006

Numru 1137/2006

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Fiona Brincat, bint Emanuela,
imwielda Pieta’ fit-3 ta’
settembru, 1982
u
Elaine Muscat, bint Louis,
imwielda Pieta’ fid-19 ta’
april, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra **Fiona Brincat**, waħedha, talli fl-24 ta’ ottubru, 2006 u fix-xhur ta’ qabel din id-data ġewwa l-Msida u Ta’ Xbiex, b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, ikkomettiet serq ta’ ġjollerija tad-deheb u flus, li ma jammontawx għal aktar minn elf lira maltin, għad-dannu ta’ Dolores Bickle, mara

anzjana, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

Rat l-akkużi kontra **Elaine Muscat**, waħedha –
1. talli fl-24 ta’ ottubru, 2006 u fil-jiem ta’ qabel f’Malta, xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom għad-dannu ta’ Dolores Bickle;
2. talli fl-24 ta’ ottubru, 2006 ġewwa dawn il-Gżejjer ikkomettiet serq ta’ flus u oġġetti oħra mill-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAO 487, tal-marka Peugeot, għad-dannu ta’ Josephine Parnis, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. talli fis-27 ta’ ottubru, 2006 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u kien ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, f’post pubbliku jew f’post espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta’ prostituzzjoni, jew għall-skopijiet oħra mmorali;
4. talli fis-27 ta’ ottubru, 2006 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, irrendiet ruħha reċidiva b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi ma jistgħux jiġu maħfura jew mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ ottubru, 2006 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputati rritornaw kollox lura u ikkoperaw mal-pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata Fiona Brincat ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 267, 268, 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta’ sena priġunerija. Issib lill-imputata Elaine Muscat ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 334(a), 261(g), 281(a), 49 u 50 tal-

Kodiċi Kriminali u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija. Minħabba l-fatt li l-imputati huma dipendenti fuq id-droga tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jassikura li l-imputati jingħataw l-għajnuna kollha neċessarja biex jegħlbu dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------